MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1145/2001/1

**Victor u Emilia konjugi Spiteri Sacco**

**vs**

**Tiles and Marble Manufacturing Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi b'skrittura tas-27 ta' April, 2001 (li kopja taghha qieghdha tigi hawn ezebita bhala Dokument 'A') is-socjeta' konvenuta debitament rapprezentata ddikjarat illi

xtrat u akkwistat minghand l-attur Victor Spiteri Sacco zewg “thorns” bil-prezz ta’ sitt elef lira maltija (Lm6000).

Illi s-socjeta’ konvenuta hallset lill-atturi s-somma ta’ elfejn lira maltija (Lm2000) biex b’ hekk fadal bilanc favur l-atturi ta’ erbat elef lira maltija (Lm4000) li kellu jithallas, skond l-imsemmija skrittura b’pagament ta’ Lm1000 pagabbli fil-15 ta’ Mejju, 2001 u l-bilanc b’pagamenti ta’ tlett mitt lira fix-xahar, l-ewwel pagament isir fil-15 ta’ Gunju, 2001.

Illi l-konvenut nomine offra hlas ta’ elf lira Maltija (Lm1000) permess ta’ cekk datat 15 ta’ Mejju, 2001, liema cekk ma giex onorat (Dokument B).

Illi ghalkemm interpellat b’ittra bonarja ta’ l-4 ta’ Gunju, 2001 sabiex ihallas is-somma bilancjali l-konvenut baqa’ inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi.

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur Victor Spiteri Sacco qieghed jannetti ma’ din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dokument C).

Galhekk l-atturi talbu li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti m’ghandhiex:-

taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispenza tas-smiegh skond it-talbiet attrici.

tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ elf u tlett mitt lira maltija (Lm1300) lill-atturi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja ta’ l-4 ta’ Gunju, 2001 u tal-mandat ta’ sekwestru u ta’ qbid u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat l-affidavit tal-attur Victor Spiteri Sacco.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit:

1. Illi l-makkinarju ikkonsenjat mill-atturi lis-socjeta' konvenuta ma hux tal-kwalita' pattwita peress li ma jiffunzjonax u ghalhekk hemm lok li ssir riduzzjoni fil-prezz tenut kont tal-ispiza necessarja biex il-makkinarju de quo jigi rez funzjonanti.

2. Illi l-makkinajru ikkonsenjat mill-atturi lis-socjeta konvenuta ma hux fil-kondizzjoni li kien fiha meta sar il-ftehim u ghalhekk ukoll hemm lok li ssir riduzzjoni fil-prezz.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2002 minn fejn jirrizulta li l-atturi b'referenza ghan-nota ta' eccezzjonijiet issottomettew li dak li gie eccepit, skond il-ligi, ma jistaxx jigi eccepit per via di eccezzione izda trid issir kawza ad hoc fit-terminu lit rid il-ligi.

Sussegwentement fil-kors tas-seduta tat-2 ta' Marzu 2004 l-atturi rtiraw l-imsemmija sottomissjoni li huma ghamlu fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2002.

Semghet lill-attur Victot Spiteri Sacco.

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta' konvenuta.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet diffeita sabiex tuinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

L-atturi jippremettu li bi skrittura tas-27 ta' April, 2001 is-socjeta' konvenuta akkwistat minnghandhom makkinarju, cioe' zewg tornijiet, bil-prezz komplessiv ta' sitt elef lira maltija (Lm6000), li minnhom l-istess socjeta' konvenuta hallset biss is-somma ta' elfejn lira maltija (Lm2000). Il-bilanc kellu jithallas b'pagament ta' Lm1000 fil-15 ta' Mejju, 2001 u l-kumplament b'pagamenti ta' tlett mitt lira (Lm300) fix-xahar. L-atturi jkomplu jippremettu li s-socjeta' konvenuta halset is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1000) permess ta' cekk, liema cekk, pero', ma ssarrafx. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas l-ammont li kien dovut fil-gurnata tal-presentata tal-presenti citazzjoni u cioe' s-somma ta' elf u tlett mitt lira maltija (Lm1300).

Is-socjeta' konvenuta da parti taghha qed teccepixxi li l-makkinarju in kwestjoni li gie konsenjat lilha ma kienx tal-kwalita' pattwita stante li l-istess makkinarju ma jiffunzjonax u l-istess makkinarju mhux fil-kondizzjoni li kien fiha meta sar il-ftehim.

In effett jirrizulta li s-socjeta' konvenuta xtrat l-imsemmija tornijiet minnghand l-atturi ghall-imsemmija somma ta' sitt elef liri flus maltin (Lm600). Is-socjeta' konvenuta mal-ftehim hallset biss somma akkont u sar ftehim kif kellhom isiru l-pagamenti sussegwenti.

Mill-provi jirrizulta li wara li sar il-ftehim in kwestjoni, cioe' fis-27 ta' April 2001, is-socjeta' konvenuta ma haditx minnufih il-konsenja tal-makkinarju. In effett jidher li kienet is-socjeta' konvenuta li kella tigbor il-makkinarju pero' mhux immedjatament u in effett l-atturi gew infurmati li kellu jghaddi xi zmien qabel ma s-socjeta' konvenuta tiehu ghandha l-makkinarju.

Eventwalment is-socjeta' konvenuta gabbret il-makkinarju in kwestjoni. Fil-frattemp, cioe'fil-eriodu minn meta sar l-imsemmi ftehim sakhemm is-socjeta konjvenuta gabret il-makkinarju, u dan kif jammetti l-istess attur, xi hadd, mhux maghruf, dahal ghand l-attur u seraq partijiet essenzjali mill-magni in kwestjoni. L-attur inoltre kkonferma li minnghajr il-partijiet tal-makkinarju li nsterqu, l-istess makkinarju ma seta qatt jahdem.

Jirrizulta ukoll li l-ewwel darba li direttur tas-socjeta' konvenuta ra l-makkinarju in kwestjoni kien fil-fabbrika tal-atturi li dak iz-zmien kienet pjenament funzjonanti. Wara certu zmien, cioe' wara xi sena, l-istess direttur rega' ra l-makkinarju li pero' ma kienx qed jithaddem. Kien f'dawn ic-cirkostanzi li sar il-ftehim bejn il-partijiet sabiex jinxtara l-istess makkinarju. Hu ovvju li l-makkinarju nxtara bhala makkinarju li jahdem. Meta l-makkinarju ttiehed fil-fabbrika tas-socjeta konvenuta nstab li l-istess makkinarju ma kienx jahdem. Irrizulta li kellu kemm partijiet mekkanici kif ukoll partijiet elettronici neqsin. Il-produtturi tal-makkinarju kkonfermaw li bil-partijiet neqsin il-makkinarju ma seta qatt jahdem.

Minn dawn ir-rizultanzi hu evidenti li ma giex konsenjat nakkinarju skond kif miftiehem. L-atturi kienu jafu li s-soocjeta' konvenuta kienet ser tigbor il-makkinarju mhux immedjatament izda wara certu zmien mill-ftehim. In effett is-socjeta' konvenuta nghatat makkinarju inutili u ma jahdimx. Meta ngabar il-makkinarju l-atturi kienu jafu li l-makkinarju kellu partijiet tieghu neqsin u kienu jafu ukoll li fl-istat li kien fih, il-makkinarju ma setghax jahdem. Kwindi tirrizulta sufficjentement pruvata l-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta rigwardanti li l-makkinarju li effettivament gie konsenjat lilha ma kienx tal-kwalita' pattwita. Kwindi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi akkolta u konsegwentement it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu rigettati.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici.

Spejjez kollha kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------